MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 2/2005/2

**Stephen Kolutrovic ID 2007276P**

**vs**

**Maria Dolores armla minn William Micallef, Peter Micallef u Dottor Paul Micallef f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado**

Ic-"Chairman" tal-Bord,

Ra c-citazzjoni in esami li biha l-attur wara li ppremetta illi l-istess attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors Numru 16/2005) (Dok

B) fejn l-attur gie ordnat li jizgombra mill-fond Flat1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta' lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk jesistu cirkostanzi sabiex tintalab ir-ritrattazzoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kontestwalment qed tigi ppresentata wkoll citazzjoni a tenur ta' l-artikolu 823(2) tal-Kap.12 fejn qed tintalab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Il-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

i) thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija fl-14 ta' Mejju 2005 mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) (Rikors numru 16/2005).
ii) Tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mill-istess attur (fol 2 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.
2. Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.
3. Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-

izgumbrament in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.
4. Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi sabiex tintalab ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi kontestwalment qed tigi ppresentata wkoll citazzjoni a tenur ta' l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 fejn qed tintalab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm annessa a fol 3 ibid.

Rat id-dokumenti annessi a fol 4 sa fol 8 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 53 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

Illi fl-ewwel lok, id-dezerzjoni tal-kawza stante li ma gewx maghluqa l-atti entro t-terminu ta' sitt xhur kif kontemplat fl-artikolu 963(1) tal-Kap. 12.

Illi fil-mertu, t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li n-notifika tal-atti relattivi ghar-rikors numru 16/2005 fl-ismijiet inversi quddiem dan il-Bord saret regolarment u skond il-ligi.

Rat kif ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti a fol 54 ibid u l-lista tax-xhieda a fol 54 ibid.

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili a fol 62 u fol 63 ibid.

Rat dak verbalizzat u mitlub waqt is-seduta tal-27 ta'Gunju 2007.

Rat l-artikolu 199(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista li fis-seduta tas-27 ta'Gunju 2007 kien deher biss id-difensur tal-konvenuti u ghalhekk it-talba kif maghmula mill-istess difensur hi konformi mal-artikolu 199(2) hawn fuq imsemmi.

Tilqa’ t-talba tal-konvenuti u teħles lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------